MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 28/2012

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C B u D E u Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-18 ta' April 2012 Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Alison Wadge mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri F E**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors gurmanetat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni intima li l-attur kellu ma' l-intimata C B, twieled tifel, F E, fid-19 ta' Dicembru 2009 skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok.EF 1;

2. Illi l-imsemmi minuri F gie registrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben il-konvenut D E, sieheb il-konvenuta;

3. Illi l-konvenuta stqarret ripetutament ma' l-attur illi il-minuri F huwa fil-fatt iben l-attur;

4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri msemmi, huwal-attur u mhux il-konvenut D E u dana hekk kif jirrizulta ukoll *mid-DNA Paternity Test Report* hawn anness u mmarkat bhala Dok. EF 2;

5. Illi nonostante tali stat ta' fatt, il-konvenuta ma haditx il-passi necessarji sabiex isir it-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

6. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri F bhala l-wild naturali tieghu;

7. Illi bhalissa F jinsab fil-kura u kustodja ta' l-imsemmi D E, ragel li m'huwiex l-missieru.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut D Margo m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F:

2. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F u dana kif jirrizulta *mid-DNA Paternity Test Report;*

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 0031392 (recte 004382) inkluz billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'D E' fil-kolonna ta' l-isem ta missier it-tarbija u jidhlu l-kliem 'A B';

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli jippublika att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-konvenuta C B (fol.8) li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-minuri F huwa l-wild naturali tal-attur A B.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il- paternita tal-minuri F E, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet attur l-esponent jinvita lir-rikorrent A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri F, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi

minuri bin-numru ta' registrazzjoni 4382 tas-sena 2009;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat li l-konvenut D E deher ghas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2012 u irtira seduta stante kopja tar-rikors guramentat

Rat in-nota tal-konvenut D E (fol.38) li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

Sew l-attur kif ukoll il-konvenuti C B u l-konvenut D E jiddikjaraw li l-konvenut ma hux missier il-minuri. Jirrizulta li l-konvenuta C B kienet ilha zmien tikkoabita mal-konvenut D E u li meta harget tqila u eventwalment weldet

lill-minuri, hija kienet qalet lis-sieheb taghha l-konvenut E li t-tarbija kienet tieghu tant li ghalkemm ma kienux mizzewgin il-konvenut kien accetta li t-tarbija tigi registrata fuq ismu. Il-konvenuta kienet qalet lill-attur li t-tarbija hija tieghu pero' kienet bezghana mill-konvenut E ghaliex kienet tibza li jirreagixxi b'mod vjolenti.

Finalment bil-mohbi tal-konvenut E sar id-DNA test li kkonferma li l-attur huwa missier il-minuri.

**Konsiderazzjonijiet**

Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta, ma jkunx gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz u t-tifel ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xaghrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista jmexxi b'rikors*

*quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.

Ir-rapport tad-DNA ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Attard (fol.40) ma jhalli l-ebda dubju dwar minn hu effettivament missier il-minuri. Gew prelevati kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-konvenuta B u tal-minuri u mid-DNA tests li saru jirrizulta li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri F.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza tipprovdi dwar ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur billi tilqa' t-talbiet attrici :

1. Tiddikjara illi l-konvenut D E ma huwiex il-missier biologiku tal-minur F
2. Tilqa t-tieni talba u tiddikjara li l-missier natural ital-minuri F huwa l-attur A B.
3. Tordna lill-konvenut Direttur sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega u konsegwenzjali fic-certifikat tat-twelid numru 004382 tal-minuri Zoyan b'dan illi jigu kancellati il-konnotati kollha tal-konvenut D E u minflok jitnizzu l-konnotati kollha tal-attur kif indikati fin-nota tieghu a fol. 47 tal-process b'dan illi l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom B.

Bl-ispejjes kontra l-attur u l-konvenuta C B f'ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------